

Brussell, 16 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16923/25

DEVGEN 240
FIN 1566
ACP 138
RELEX 1702

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: L-avvanz ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku permezz ta' finanzjament aħjar, ugwaljanza bejn il-ġeneri, saħħa globali, u kummerċ
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (15 ta' Diċembru 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Avvanz ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku permezz ta' finanzjament aħjar, ugwaljanza bejn il-ġeneri, saħħa globali, u kummerċ, kif approvati mill-Kunsill fl-4145 laqgħa tiegħu li saret fil-15 ta' Diċembru 2025.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-avvanz ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku permezz ta' finanzjament aħjar, ugwaljanza bejn il-ġeneri, saħħa globali, u kummerċ

(Mingħajr preġudizzju għan-negożjati tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss)

Finanzjament ta' Sħubijiet Internazzjonali

1. Il-Kunsill jagħraf li l-investiment fi sħubijiet internazzjonali jirriżulta f'Ewropa aktar b'saħħitha, aktar sikura, reżiljenti u aktar konnessa globalment u li l-finanzjament ta' sħubijiet internazzjonali jibqa' pedament tal-aġenda globali u tal-obiettivi ta' politika barranija tal-UE. Is-sħubijiet internazzjonali tal-UE jappoġġaw l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli fil-pajjiżi sħab bl-għan primarju li jinqered il-faqar, jikkontribwixxu għall-preservazzjoni ta' ordni globali bbażat fuq ir-regoli u jgħinu fil-promozzjoni tal-interessi Ewropej, f'konformità mal-Aġenda Strateġika 2024-2029 tagħha għal Ewropa prospera u kompetittiva. Il-Kunsill jissottolinja li l-UE hija impenjata li tibqa' sieħeb affidabbli, ibbażat fuq il-valuri u stabbli fil-kisba ta' żvilupp sostenibbli, u fl-istabiliment ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku.
2. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn mill-UE u l-Istati Membri tagħha li jinkisbu l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-17-il SDG tagħha, l-obiettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u l-għanijiet u l-miri tal-Qafas Globali tal-Biodiversità ta' Kunming-Montreal, u l-Patt għall-Futur.
3. L-UE ser tkompli d-djalogu mal-pajjiżi sħab biex tipprovdi soluzzjonijiet rilevanti fuq terminu qasir u twil permezz tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, inkluż permezz tal-Istrateġija Global Gateway tal-UE u l-approċċ ta' 360 grad tagħha. Il-bini ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku jirrikjedi kooperazzjoni wiesgħa u sinifikanti permezz tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp kif ukoll permezz tal-kummerċ u l-investimenti, kif ukoll permezz ta' djalogu politiku u ta' sigurtà, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-pajjiżi sħab għandhom ir-responsabbiltà primarja għall-iżvilupp nazzjonali tagħhom. Il-komplementarjetà mal-assistenza umanitarja trid tiġi żgurata wkoll f'konformità mar-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi. Għandhom jiġu żviluppanti approċċi sostenibbli lejn aktar koerenza bejn il-politika tal-iżvilupp

u tal-migrazzjoni, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali, inkluż billi jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari b'mod sostenibbli.

4. Biex jimxi 'l quddiem, u b'kont meħud tal-eżitu tar-raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp f'Sevilja f'Ġunju-Lulju 2025, il-Kunsill itenni l-importanza tal-finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli u l-użu effettiv tas-sorsi kollha disponibbli ta' finanzjament – pubbliċi u privati, domestiċi u internazzjonali – biex titnaqqas id-diskrepanza fil-finanzjament. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li ssir ħidma fir-rigward ta' sforzi pubbliċi u privati koordinati u mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi, filwaqt li jagħraf ir-rwol katalitiku tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) fil-mobilizzazzjoni ta' riżorsi addizzjonali permezz ta' mobilizzazzjoni ta' riżorsi domestiċi, finanzjament imħallat u investiment privat sostenibbli. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-pajjiżi sħab jiġu appoġġati fil-ħolqien tal-ispazju fiskali meħtieġ biex jiġu aċċellerati l-investimenti li jtejbju l-ħajja tan-nies u joħolqu impjiegi deċenti, filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn, jitrawmu kundizzjonijiet ta' investiment attraenti, jiġi mobilizzat is-settur privat kif ukoll jiġu miġġielda l-korruzzjoni u l-flussi finanzjarji illeċiti.
5. Il-Kunsill jappella għall-implimentazzjoni effettiva tar-riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali, inkluż il-banek multilaterali tal-iżvilupp, sabiex jiġi mobilizzat aktar finanzjament biex jintlaħqu l-SDGs permezz ta' sistema multilaterali li tkun inqas frammentata u aktar effiċjenti, li tħalli impatt u tkun reżiljenti għall-isfidi u l-kriżijiet preżenti u futuri.
6. Il-Kunsill jenfasizza li l-finanzjament estern tal-UE għandu jkun adatt għall-iskop tiegħu u jappoġġa r-rwol globali tal-UE f'xenarju globali li qed jevolvi kkaratterizzat minn inċertezza, kompetizzjoni strateġika u ekonomika, fraġilità, livelli dejjem jiżdiedu ta' konflitt u kriżijiet persistenti. Dan irid jippermetti lill-UE ssaħħa l-influenza ġeopolitika u ġeoeconomika tagħha, issegwi approċċ imġedded għall-kooperazzjoni internazzjonali, tindirizza l-isfidi globali u tikkontribwixxi għall-provvista ta' beni pubbliċi globali billi trawwem sħubijiet ibbażati fuq il-valuri u ta' benefiċċju reċiproku. Barra minn hekk, l-UE għandha tkompli taqdi rwol vitali fil-proċess ta' riforma tal-UN80 li għaddej bħalissa u tissalvagwardja l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli bin-NU fil-qalba tiegħu. Irid jiżgura wkoll li l-UE tfassal l-offerta tagħha għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab, inkluż il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti, l-Istati Gżejjer Żgħar li Qed Jiżviluppaw u l-pajjiżi fraġli, u jaħdem b'mod aktar integrat permezz ta' approċċ ta' Tim Ewropa, b'mod li jissottolinja l-importanza u r-rwol tad-Delegazzjonijiet tal-UE u l-kapaċità ta' kull Stat Membru li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-offerta Ewropea konġunta lill-pajjiżi sħab.

Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali

7. Il-Kunsill jilqa' l-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali u jafferma mill-ġdid ir-rwol ewlieni tal-UE u l-Istati Membri tagħha fl-avvanz tas-saħħa globali flimkien mas-sħab abbażi tas-solidarjetà, l-umanità, l-ekwità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd. Jirrikonoxxi li l-mard ma jiqafx mal-fruntieri u jista' jkollu impatt transsettorjali. L-aċċess dinji għal firxa sħiħa ta' servizzi tas-saħħa essenzjali u informazzjoni affidabbli dwar is-saħħa huwa għalhekk kritiku għas-sigurtà tas-saħħa, il-benesseri u l-istabbiltà soċjoekonomika tal-Ewropa. Dan l-involvement għandu jiddependi wkoll fuq l-approċċ "Saħħa Waħda" li jirrikonoxxi l-interkonnessjoni bejn is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u dik ambjentali kif ukoll ir-rikonoxximent tal-impatt dejjem akbar tat-tibdil fil-klima fuq is-saħħa globali.
8. Il-Kunsill jikkonferma l-importanza strateġika tal-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali u t-tliet prijoritajiet ewlenin tagħha li jiffukaw fuq is-saħħa u l-benesseri, it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u l-kopertura universali tas-saħħa u l-ġlieda kontra t-theddid għas-saħħa kif ukoll l-iżgurar ta' aċċess ekwu għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità, inkluż is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati skont il-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma li għaddejja biex jiġi stabbilit qafas komprensiv għas-segwitu, ir-riżultati u l-impatt.
9. L-UE u l-Istati Membri tagħha jagħtu kontributi sostanzjali biex itejbu s-saħħa globali permezz ta' azzjonijiet u sħubijiet f'setturi differenti u fil-livelli kollha. Dan jinkludi l-promozzjoni tal-aċċess universali għall-vaċċini u l-mediċini kif ukoll l-aċċess għat-teknoloġiji tas-saħħa, filwaqt li jiġu rrispettati r-regoli internazzjonali. Dan jinkludi wkoll il-ġlieda kontra l-mard li jittieħed u l-mard mhux komunikabbli, b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni sostantiva, fil-limitu tal-possibiltajiet disponibbli, mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u entitajiet oħra tan-NU, inkluż l-UNFPA, l-UNAIDS u l-UNICEF, kif ukoll inizjattivi u mekkaniżmi tas-saħħa globali ewlenin bħal Gavi, l-Alleanza għall-Vaċċini, il-Fond Globali għall-Ġlieda kontra l-AIDS, it-Tuberkulożi u l-Malarja, l-Inizjattiva Globali għall-Eradikazzjoni tal-Poljo (GPEI), l-Unitaid, l-Istitut Internazzjonali tal-Vaċċini (IVI) u l-Fond għall-Pandemiji. Jenfasizza l-ħtieġa għat-komplija ta' finanzjament sostenibbli f'konformità mal-proċessi rilevanti ta' allinjament mill-ġdid u prijoritizzazzjoni kif ukoll għal responsabbiltà u trasparenza msaħħa, ttejjija aktar b'saħħitha u l-użu ta' soluzzjonijiet tas-saħħa diġitali biex jissaħħu s-sistemi tas-saħħa globali.

10. Il-Kunsill jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex ikompli jimplimentaw l-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali u jiżguraw li tibqa' rilevanti fix-xenarju tas-saħħa globali li qed jevolvi u għas-sigurtà tas-saħħa globali. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-impatt kollettiv bħala attur globali u reġjonali, inkluż permezz tal-Istrateġija Global Gateway u l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa, li jikkontribwixxi b'mod kostruttiv għall-aġendi ta' riforma tal-arkitettura tas-saħħa globali inkluż l-Aġenda ta' Lusaka u l-proċess ta' prijoritizzazzjoni mill-ġdid tad-WHO kif ukoll jenfasizza kollaborazzjoni b'saħħitha bejn l-atturi kollha biex tiżdied l-effiċjenza u jiġu xprunati s-sinerġiji. Il-Kunsill jibqa' mħasseb dwar l-impatt negattiv sinifikanti fuq is-sigurtà tas-saħħa globali u l-eżiti tas-saħħa għal xi wħud mill-aktar komunitajiet emarġinati fid-dinja, bħala riżultat ta' tnaqqis drammatiku fil-finanzjament għas-saħħa globali. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-UE qed tadatta għall-ambjent il-ġdid, inkluż il-prijoritizzazzjoni mill-ġdid u l-iffukar mill-ġdid kif meħtieġ, filwaqt li tistinka biex issostni miżuri li jwasslu għal ekwità fil-qasam tas-saħħa għal dawk l-aktar lura. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tal-UE li taħdem mal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż id-WHO, li hija fil-qalba tal-arkitettura tas-saħħa globali, biex tmexxi 'l quddiem l-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali u biex isir aktar progress b'mod konġunt.

Evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi III

11. Il-Kunsill jieħu nota tal-eżitu tal-evalwazzjoni indipendenti tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (GAP) III. L-evalwazzjoni tikkonferma l-importanza strateġika tal-GAP III, li kien ġie adottat mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea, u milqugħ permezz tal-Konklużjonijiet tal-Prezidenza, u r-rwol tiegħu li jkompli jżid b'mod sinifikanti l-importanza strateġika tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-azzjoni esterna tal-UE. Peress li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa u l-bniet, inkluż is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) tagħhom, qed jiffaċċaw livelli bla preċedent ta' oppożizzjoni madwar id-dinja, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li javvanza globalment l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-SRHR, skont il-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp, u f'kooperazzjoni mal-gvernijiet sħab, is-soċjetà ċivili u s-settur privat.

12. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u tibqa' impenjata favur s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jieħu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi tal-kura tas-saħħa.
13. Il-Kunsill jagħraf it-tnejn tar-raba' Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (GAP IV) [mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea]. Il-GAP IV għandu juri kontinwazzjoni fl-impenn u t-tmexxija billi jistabbilixxi miri konkreti. Il-GAP IV għandu jkompli jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-SRHR, skont il-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp, kif ukoll id-drittijiet tan-nisa u l-bniet kollha u tal-persuni LGBTI permezz ta' approċċi trasformattivi li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri, forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni u l-applikazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem. Il-GAP IV għandu jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ambjenti sikuri għad-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u l-persuni LGBTI. Il-GAP IV għandu jkompli jindirizza wkoll l-istereotipi marbuta mal-ġeneru, il-kawżi ewlenin tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet, b'enfasi speċjali fuq daww l-aktar żvantaġġati, inkluż il-persuni b'diżabilità. Il-GAP IV għandu jfakkar fl-impenn tal-UE li tappoġġa l-parteċipazzjoni u t-tmexxija ugwali, sħaħ, effettivi u sinifikanti tan-nisa u ż-żgħażaġh, fid-diversità kollha tagħhom, u fl-isferi u l-livelli kollha tal-ħajja pubblika u politika, skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2027, it-tiżiħ tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali tan-nisa u l-bniet kollha, l-implimentazzjoni tal-aġenda dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà u l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru. Dawn l-impenni kollha għandhom ikomplu jiġu riflessi fl-istrumenti ta' finanzjament tal-UE għall-azzjoni esterna.

Rapport Annwali dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp

14. Il-Kunsill jilqa' l-analiżi annwali tal-Kummissjoni dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp u jixtieq jirrapporta lura dan li ġej lill-Kunsill Ewropew:
- a) Fl-2024, l-UE u l-Istati Membri tagħha kienu responsabbli għal 42 % tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) globali¹, u b'hekk komplew jikkonsolidaw it-tmexxija tagħhom fuq l-aġenda globali għall-iżvilupp sostenibbli bħala l-akbar fornitur globali ta' ODA.
 - b) L-ODA kollettiva tal-UE² rrappreżentat 0.50 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) tal-UE fl-2024, li jikkorrispondi għal EUR 88.7 biljun. Dan jikkostitwixxi tnaqqis meta mqabbel mas-sehem tiegħu ta' 0.56 % tal-ING tal-UE tal-2023 (EUR 95.5 biljun).
 - c) L-ODA kollettiva tal-UE għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti (LDCs)³ kienet tirrappreżenta 0.12 % tal-ING tal-UE fl-2023, li tikkorrispondi għal EUR 20.0 biljun. Dan jikkostitwixxi żieda meta mqabbel mas-sehem tagħha ta' 0.10 % tal-ING tal-UE tal-2022 (EUR 15.3 biljun).
15. Il-Kunsill ikompli jħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex jagħmlu progress lejn il-kisba tal-miri individwali tagħhom kif ukoll l-impenn kollettiv tal-UE li tipprovdi 0.7 % tal-ING bħala ODA⁴, u 0.20 % bħala ODA lil-LDCs sal-2030. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri biex jiżguraw li sehem adatt tal-ODA tagħhom, pereżempju 10 %, ikun iddedikat għall-azzjoni umanitarja, abbażi tal-ħtiġijiet umanitarji eżistenti.

¹ Abbażi ta' informazzjoni preliminari dwar id-data tal-ODA tal-2024 mill-OECD-DAC. L-ODA globali hawnhekk hija definita bħala li tinkludi l-ODA pprovduta mill-UE kollettivament u mill-pajjiżi donaturi l-oħra kollha tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) u dawk mhux tad-DAC li jirrapportaw lura lill-OECD.

² Abbażi ta' informazzjoni preliminari dwar id-data tal-ODA tal-2024 mill-OECD-DAC. L-ODA kollettiva tal-UE titkejjel fuq bażi ekwivalenti ta' għotja u tirrappreżenta s-somma tal-ODA mill-Istati Membri tal-UE u l-proporzjon tal-ODA pprovduta mill-Istituzzjonijiet tal-UE li mhijiex attribwita lill-Istati Membri jew lid-donaturi mhux tal-UE bħar-Renju Unit.

³ Abbażi tad-data tal-ODA tal-2023 mill-OECD-DAC. L-ODA kollettiva tal-UE lil-LDCs tinkludi l-ODA netta bilaterali tal-Istati Membri lil-LDCs, l-ODA multilaterali imputata lil-LDCs u l-ODA reġjonali netta magħrufa li hija ta' benefiċċju għal-LDCs kif ukoll l-ODA reġjonali tal-Istituzzjonijiet tal-UE magħrufa li hija ta' benefiċċju għal-LDCs (minbarra s-sehem tar-Renju Unit).

⁴ L-Istati Membri li ssieħbu fl-UE wara l-2002 impenjaw ruħhom li jżidu l-proporzjoni ta' ODA/ING tagħhom għal 0.33 %.

16. Il-Kunsill jikkonferma li l-UE lesta tikkontribwixxi b'mod attiv għat-tiswir ta' kooperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp u sistema umanitarja li tkun mgħammra bis-sħiħ biex tindirizza l-isfidi globali tal-lum. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jappella għal sħubiji internazzjonali li jagħmlu użu effettiv mis-sorsi kollha ta' finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli, inkluż u lil hinn mill-ODA, biex jiġi ottimizzat l-impatt tar-riżorsi u biex tiġi appoġġata l-aġenda ta' żvilupp tal-pajjiżi sħab, inkluż il-pajjiżi l-anqas żviluppati u fraġli. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' kejl aħjar u aktar sistematiku tal-impatt kif ukoll għbir ta' data inklużiv u rappurtar trasparenti dwar is-sorsi uffiċjali kollha ta' finanzjament, inkluż riżorsi mobilizzati mis-settur privat, permezz tas-Sistema ta' Rappurtar tal-Kredituri tal-OECD (b'mod partikolari l-ODA), l-Appoġġ Uffiċjali Totali għall-Iżvilupp Sostenibbli (TOSSD), jew l-Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajnuna (IATI).

Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-Għajnuna għall-Kummerċ

17. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Speċjali Nru 17/2025 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u jfaħħar lill-Kummissjoni talli aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti. Il-Kunsill jaqbel b'mod ġenerali mat-tweġibiet tal-Kummissjoni għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapport tal-Qorti.
18. L-Għajnuna għall-Kummerċ hija parti importanti mill-finanzjament għall-iżvilupp u tallinja mal-Istrateġija Global Gateway, inkluż permezz ta' investimenti fl-infrastruttura ekonomika u l-iżvilupp tal-kapaċità produttiva. L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu l-akbar kontributor fid-dinja għall-Għajnuna għall-Kummerċ, u flimkien kienu responsabbli għal madwar EUR 22.2 biljun fl-2022 u li jirrappreżentaw 36 % tal-Għajnuna għall-Kummerċ kollha minn sorsi bilaterali u multilaterali.
19. Il-Kunsill jikkonferma li l-UE ser tibqa' impenjata li tappoġġa lill-pajjiżi sħab fl-indirizzar ta' ostakli relatati mal-kummerċ, billi ssaħħaħ il-kapaċità tagħhom għall-kummerċ u n-negozjar u l-applikazzjoni ta' regoli kummerċjali internazzjonali, billi tappoġġa l-proċessi ta' integrazzjoni reġjonali kif ukoll tibni l-infrastruttura li jeħtieġu biex jintegraw fis-sistema kummerċjali internazzjonali. Il-Kunsill itenni wkoll *l-impenn tiegħu li jappoġġa ambjent abilitanti għall-kummerċ u l-investiment biex javvanza sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku u żvilupp sostenibbli*, filwaqt li jinnota l-ħtieġa għal sforzi aktar immirati lejn il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs).